# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2022**

**Talba Nru: 35/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**George Mifsud (ID 203281(M))**

**Vs**

**Vincent Anthony Zammit (ID 52084(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2020, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' elf, seba' mija, tnejn u tletin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1,732.65) rappreżentanti danni ċioé ħsarat fuq il-vettura tiegħu magħmula b'aggressjoni volontarja mill-konvenut, kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, dawk tal-ittra uffiċjali msemmija u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenut, kontenenti wkoll kontro-talba datata is-6 ta' Marzu 2020[2] permezz ta' liema huwa laqá għat-alba prinċipali b'eċċezzjoni ġenerali li huwa stess kien vittma ta' vjolenza mill-attur u li l-ammont mitlub huwa esaġerat. Fil-kontro-talba mbagħad huwa talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-attur, issa rikonvenzjonat, sabiex iħallas l-ammont ta' disa' mitt Ewro (€900) rappreżentanti ħsara kkaġunata fuq il-vettura tiegħu. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat għal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti permezz ta' liema eċċepixxa li huwa m'għandu jirrispondi għall-ebda ħsara[3];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[4].

Sema' x-xhieda tal-attur rikonvenzjonat[5] u ra d-dokumenti esebiti;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Camilleri u tal-konvenut rikonvenzjonanti in subizzjoni[6], flimkien mad-dokumenti eżebiti;

Sema' x-xhieda ta' Rochelle Mifsud[7];

Sema' x-xhieda ta' PC 1548 Nicholas Galea u ra d-dokument eżebit minnu[8];

---

[2] A fol 7 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 14 tal-proċess.
[4] A fol 19 tal-proċess.
[5] Magħmula waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020
[6] Magħmula waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021.
[7] Magħmula waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2021.
[8] Magħmula fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021.

Sema' x-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti, in eżami, u ra d-dokumenti eżebiti minnu[9];

Sema' x-xhieda ta' Ella Joy Zammit u l-kontro-eżami tal-konvenut rikonvenzjonanti[10];

Sema' x-xhieda tal-attur rikonvenzjonat in kontro-eżami[11];

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tal-avukati difensuri tal-kontendenti, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[12];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel ma t-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur rikonvenzjonat George Mifsud. In eżami[13] spjega li fis-16 ta' Ġunju 2019 huwa u l-mara kienu fil-vettura tiegħu lejn

---

9 Magħmula fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2021.
10 It-tnejn magħmula fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021.
11 Magħmula fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2022.
12 Magħmula wkoll fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2022. Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 99 tal-proċess.
13 Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 22 tal-proċess.

Buġibba. Jgħid li ħarġet vettura bajda minn ġo *side street* u għalqet it-triq. Din kienet vettura bajda, tat-tip Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni CBQ 136. Huwa xtaq jgħaddi u għamillu sinjal. Jgħid li meta l-ieħor (il-konvenut rikonvenzjonanti) prova jidħol ġo parkeġġ, huwa prova jgħaddi biswit miegħu u dan fetaħ il-bieba tal-vettura tiegħu u beda jagħti ħafna daqqiet fuq il-ġenb tal-vettura, fuq in-naħa tal-passiġġier. Imbagħad dan ħareġ mill-parking, mar il-quddiem u bir-*reverse* baqa' dieħel dritt u b'mod volontarju fuq il-vettura tiegħu. Ma din id-daqqa waqat il-pjanċa bin-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu, l-attur ġabarha u baqa' sejjer dritt l-Għassa jħejji rapport. Meta wasal l-għassa u kien qiegħed jispjega lill-Pulizija x'ġara, wasal il-konvenut u kien hemm kommossjoni sħiħa min-naħa tiegħu u jgħid lill-Pulizija kellhom iwaqqfuħ huma. Jikkonferma li huwa ma tħallas xejn u li għalkemm kien hemm konverżazzjoni tal-kumpannija assikuratriċi tiegħu iżda ma ntlaħaqx ftehim. Iżid jgħid li l-konvenut rikonvenzjonanti xtaq li jirranġa miegħu u li dan id-diskors sar minħabba xi proċeduri kriminali pendenti dak iż-żmien.

Illi in kontro-eżami[14], jerġa jikkonferma li hu ma kienx qiegħed ifittex post ta' parkeġġ. Jikkonferma li ma setax jgħaddi għaliex il-konvenut ħalla l-karozza f'nofs ta' triq. Jikkonferma li ma paqpax sabiex jersaq, għalkemm qallu sabiex jersaq. Huwa qagħad kwiet jistenna. Jgħid li ma setax jirrevja l-karozza għax tiegħu kienet ġdida u lanqas hija kapaċi tagħmel dak il-ħoss. Jgħid li huwa setax jgħaddi biss meta l-vettura tal-konvenut telqet minn fuq il-post. Huwa kien mar fuq il-ġenb tal-karozza bil-vettura tiegħu u mbagħad dan beta jiflaħ il-bieba tiegħu fuq tiegħu. Jgħid li ħareġ mill-vettura biss meta il-konvenut baqa' dieħel ġo fiħ apposta u kien f'dan il-ħin li ġabar in-*number plate*. Jinnega li ta' xi daqqiet fuq il-vettura tal-konvenut, anzi jirrimarka li kien qiegħed isuq bil-kalzetti biss.

[14] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 99 tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Joseph Camilleri[15]. Huwa spjega li jaħdem bħala *surveyor* u ntalab jagħmel stima mill-attur fuq il-vettura tiegħu MBW 317. Spjega li kien hemm diversi daqqiet u danni fuq in-naħa tal-passiġġier. Jgħid li kien hemm diversi grif, għafsa vertikali u mpatt fuq in-naħa tal-bonnet. Huwa kkonferma r-rapport eżebit[16].

Illi in kontro-eżami, magħmul fl-istess seduta[17], jispjega li huwa ra l-vettura fit-23 ta' Lulju 2019. Spjega li huwa jaħdem kemm *freelance* u għamel xi xogħol ma' kumpanniji assikuratriċi. Sa fejn jifhem hu, d-daqqiet saru minħabba impatt ma vettura oħra. Ġew eżebiti numru ta' ritratti.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll l-konvenut rikonvenzjonanti, diversi drabi. In subizzjoni[18], jispjega li l-pjanċa ġiet ritornata lilu meta mar l-għassa. Jikkonferma li rriversja fuq l-attur, jgħid li għamel hekk għax kellu t-tifla, passiġġiera miegħu, imwerwa. Jgħid li ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel u minnflok qiegħda fl-ewwel *gear*, qiegħda fuq ir-*reverse*. Imbagħad spjega li huwa kien qiegħed jistenna sabiex jidħol ġo parkeġġ (fejn kienet serja toħroġ vettura oħra). L-attur beda jirrevvja l-karrozza, it-tifla tiegħu kienet imbikkma u l-attur ġie biswit tiegħu, tant li jgħid li ma setax jiftaħ il-bieba. Jgħid li kien il-konvenut li ħareġ u beda jagħti bis-sieq u daqqa ta' ponn. Hu pero ma raħx jagħmel hekk. Jgħid li prova darba biss jiftaħ il-bieba. Jikkonferma li verament kien aggressiv mal-Pulizija. Ma jafx jekk l-attur ridtx jidħol hu fil-parkeġġ. Jgħid li l-attur ta' xi tlieta jew erba' daqqiet bis-sieq.

---

[15] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 43 tal-proċess.
[16] Dan jinsab a fol 32 tal-proċess.
[17] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 44 tal-proċess.
[18] Trazkrizzjoni relattiva tibda a fol 46 tal-proċess.

Illi l-konvenut rikonvenzjonanti xehed ukoll in eżami[19]. Hawn eżebixxa sett ta' ritratti. Jgħid lid-daqqiet saru b'daqqiet ta' sieq. Ma tantx ftakar eżatt x'kien qiegħed jagħmel l-attur minn warajh. Spjega li l-attur kien qiegħed jutilizza l-*horn* b'mod frekwenti. Meta l-attur ġie biswit miegħu huwa pprova jiftaħ il-bieba imma ma setax. F'xi ħin l-attur beda jagħti bil-ponn fuq il-vettura, iżda hu ma ndunax għaliex kien moħħu fit-tifla. In kontro-eżami fl-istess seduta[20], spjega li l-attur seta' joħroġ mill-vettura tiegħu iżda hu ma setax. Jikkonferma li l-ħsarat li sofra hu kien waqt lill-vetturi kienu qegħdin imissu ma xulxin.

Illi l-kontro-eżami tal-konvenut rikonvenzjonanti tkompla fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021[21]. Hawnhekk ikkonferma lill-vettura tiegħu għada ma bil-ħsara għalkemm eżebixxa rċevuta fiskali tax-xogħol li twettaq. Spjega li l-ħsara saret iżda x-xogħol kien għadu le għaliex kellu bżonn tal-vettura. Jgħid li l-grif huwa wkoll inkluż għalkemm jikkonferma li kien hu li bi żball irriversja fuq l-attur. Il-vettura tiegħu hija tat-tip *manual*. Jikkonferma li f'dak il-mument kien irrabjat. Bejn l-inċident u meta wasal l-għassa għaddew xi għaxar minuti. Ma jaqbilx mal-verżjoni li ġiet miktuba fl-istqarrija mal-Pulizija.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Rochelle Mifsud, mart l-attur[22]. Spjegat li fis-16 ta' Ġunju 2019 hija kienet sejra il-praċett tat-tifel ġewwa Buġibba. Ħarġet vettura bajda minn ġo triq laterali u waqfet fin-nofs. Meta ħarġet karozza oħra minn parkeġġ, ir-raġel tagħha prova jgħaddi iżda l-konvenut fetaħ il-bieba u beda jagħti bil-bieba għal-fuq il-vettura tal-konvenut. Hija kienet bil-qiegħda wara mat-tfal. Il-konvenut deher irrabjat, saq il-quddiem u reġa' rriversja fuqhom. Imbagħad saq l'hemm u l-attur niżel sabiex jiġbor il-pjanċa tan-numru ta'

---

[19] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 80 tal-proċess.
[20] *A tergo* ta' fol 83 tal-proċess.
[21] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 90 tal-proċess.
[22] Traskrizzjoni tibda a fol 62 tal-proċess.

reġistrazzjoni li kienet waqgħet. Qatt ma kellhom intenzjoni li huma jutilizzaw il-parkeġġ.

Illi in kontro-eżami magħmul fl-istess seduta[23], tispjega lir-raġel tagħha baqa' kalm sakemm kien qiegħed jistenna lil-konvenut jipparkja. Ma taqbilx lir-raġel tagħha kien qiegħed ipaqpaq jew jirrevvja l-karozza. Tikkonferma lir-raġel tagħha m'għamel xejn ħażin. Tibqa ssostni li huma ma kienux sejrin jipparkjaw huma. Tgħid li hija ma marritx għand is-surveyor iżda tikkonferma li l-ħsara issewwiet.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll PC 1548 Nicholas Galea[24] fejn dan spjega li li waqt li kienu l-Għassa u bdew jaraw id-danni fuq il-vettura tal-attur, ġie l-konvenut li kien jidher kemmxejn nervuż, tant li kellhom iżommuħ. Ġie eżebit rapport.

Illi finalment ukoll f'dawn il-proċeduri xehdet Ella Joy Zammit[25] li hija t-tifla tal-konvenut rikonvenzjonanti. Hawn spjegat li dakinhar tal-inċident hija kienet bil-qiegħda quddiem fil-vettura. Tgħid li kienu qegħdin jistennew sabiex koppja anzjana toħroġ minn parkeġġ. Tgħid li l-vettura ta' wara, dik tal-attur kienet qiegħda tirrevvja l-vettura, iżda mhux tolqotha. Tikkonferma li hija kellha biss tlettax il-sena waqt dan l-inċident. Tgħid li l-attur ħareġ u beda jagħti bis-sieq. In kontro-eżami mbagħad terġa tgħid li l-attur ħareġ u ġie fuq in-naħa tal-bieba tax-xufier, ċioé missierha. Ma tiftakarx jekk missierha bediex jiftaħ il-bieba tiegħu għal fuq tal-attur. Sa fejn taf hi, il-vettura ta' missierha ittranġat.

---

[23] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 64 tal-proċess.
[24] Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 71 tal-proċess.
[25] It-Traskrizzjoni relattiva tinsab a fol 97 tal-proċess.

Illi dak li sejjer isewgi issa huwa l-applikabbilitá ta' dawn il-fatti fil-qafas taż-żewġ azzjonijiet imressqa f'dawn il-proċeduri. Dan it-Tribunal m'huwiex sejjer jispezzetta r-raġunament tiegħu bejn it-talba prinċipali u dik rikonvenzjonali. Dan li sejjer jingħad jgħodd bl-istess mod għaż-żewġ azzjonijiet għaliex għalkemm huwa minnu li talba prinċipali titqies distinta u awtonoma minn dik rikonvenzjonali, fl-istess waqt huwa bil-wisq loġiku li, anki a tenur tal-artikoli 396 u 397 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-provi miġjuba ai fini ta' waħda mill-azzjonijiet naturalment jinduċu wkoll fuq ir-rikonvenzjoni. L-għan ta' din l-għamla ta' proċedura hija sabiex żewġ azzjonijiet jinstemgħu u jiġu deċiżi (salv f'każ ta' xi intopp proċedurali preliminari[26]) f'deċiżjoni unika[27].

Illi epurata din l-espożizzjoni fattwali jmiss li dawn jiġu applikati għall-prinċipji legali applikabbli għal dan il-każ. M'huwiex dubitat li l-attur rikonvenzjonat qiegħed jippromwovi din l-azzjoni sabiex jitlob riżarċiment għat-telf dirett soffert minnu minħabba l-imputazzjoni tal-fatt illeċitu (f'dan il-każ doluż) magħmul mill-konvenut rikonvenzjonanti. L-istess jagħmel il-konvenut fit-talba rikonvenzjonali tiegħu.

Illi strettament f'dan il-każ huma applikabbli wkoll prinċipji tad-dritt kriminali[28]. F'kawżi ta' din ix-xorta, l-Qrati tagħna, diversi drabi, ġustament, applikaw dak li

---

[26] Hekk per eżempju kif seħħ f'sentenza riċenti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet **Ursula Ellul Sullivan vs RECC Ltd, (**Avv Nru: 83/2020) deċiża nhar il-11 ta' Marzu 2022.

[27] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia,** (App Ċiv Nru: 924/1997/1) inizjalment mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Marzu 2003 u mbagħad ikkonfermata (salv għal-kap tal-ispejjeż) mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-28 ta' Frar 2006. L-Ewwel Qorti kienet fakkret hekk: *"Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed, u b'hekk jigu evitati multiplicita' ta' kawżi bejn l-istess persuni, l-interprettazzjoni tal-istess artikolu ghandha tkun wahda estensiva, imbasta l-bazi tal-istess tigi rispettata u mhux znaturata"*

[28] F'kawżi bħal dawn hija ripetutament ċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Francesco Gauci vs Salvatore Gauci,** mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Novembru 1956. F'dik is-sentenza kien ġie ritenut hekk: *"Din il-kawża preżenti hi waħda ta' danni mhux kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma danni konsegwenzjali għall-azzjoni kriminuża vera u*

dak li jridu l-artikoli 1031, 1033[29], u 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa fuq dawn li sejjer jistrieħ it-Tribunal[30].

Illi b'mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta' provi hija ġrajja normali f'proċessi ta' dawn it-tip. Meta jiġri hekk ġudikant għandu jkun prinċipalment gwidat b'żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta' forma ta' korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-ċertezza morali, ċ-ċaħda tat-talba[31].

Illi applikati dawn il-prinċipji għal fatti ta' dan il-każ[32], t-Tribunal huwa sodisfatt lit-talba attriċi għandha tintlaqa u li t-talba rikonvenzjonali għandha tiġi miċħuda. Dan qiegħed jiġi deċiż hekk minħabba s-segwenti.

---

*proprja, u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-dritt kriminali, fosthom dak li jissejjaħ "system of conduct", rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna, fuq l-istregwa tas-sistema leġislattiv Ingliż, anki bħala prova li tattakka l-kredibbilitá tal-imputat"*

[29] Dwar dan, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar et vs Lawrence Castagna et**, (App Ċiv Nru: 834/2004/1) mogtħija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Frar 2007 ġie ritenut hekk: *"L-istanza promossa mill-atturi hi wahda ghar-rizarciment ta' danni civili in konsegwenza ta' att delittwuz, ossija ta' hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-atturi. Kif inhu sew maghruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili bhala element soggettiv ta' l-illecitu u ghalhekk iservi hu wkoll bhala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita` civili."*

[30] Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael D'Amato noe vs Filomena armla ta' Josepph Spiteri et,** (Ċit Nru: 886/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 (mhux appellata) intqal hekk: "*Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illecitu, huma rikonoxxuti u accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali in rigward ghall-evitabilita` tal-hsara."*

[31] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** (App Ċiv Nru: 290/2001) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Marzu 2004, fejn intqal hekk: *"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni talprovi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"."*

[32] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi,** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April 2007, fejn intqal hekk: "*Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinċiment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici*

Illi kif jifhimha dan it-Tribunal, l-attur rikonvenzjonat irnexxielu jipprova kull element neċessarju ai fini tal-azzjoni tiegħu[33] u għalhekk it-Talba prinċipali qiegħda tintlaqá.

Illi minn dak li kkonstata t-Tribunal il-verżjoni mogħtija mill-konvenut rikonvenzjonanti m'hijiex kredibbli. Biżżejjed jingħad li ftit jista jitwemmen il-konvenut rikonvenzjonanti meta jgħid li huwa baqa' dejjem kalm peró mbagħad, ferm wara dan l-inċident, meta mar l-Għassa, jikkonferma li kien verament aggressiv mal-Pulizija. Wieħed ma jkunx kalm u kajman waqt li allegatament il-vettura tiegħu qiegħda tiġi mfarrka b'daqqiet ta' sieq u mbagħad f'daqqa waħda, minuti wara l-avveniment jsir aggressiv[34]. Huwa bil-wisq ovvju għal dan it-Tribunal li l-konvenut ittanta l-kontro-talba sabiex aktarx iddejjaq lill-attur meta dan fetaħ dawn il-proċeduri.

Illi dan apparti l-fatt li huwa verament inverosimili li ġiet eżebita rċevuta fiskali bid-data tal-15 ta' Lulju 2019 meta mbagħad jgħid li l-ħsara ma sewwitx! Apparti minn hekk, ftit jista wkoll jitwemmen il-konvenut meta f'xi bnadi mid-diversi drabi ta' xhieda tiegħu ġieli jgħid li huwa ra lill-attur jagħti bis-sieq u f'bnadi oħra jgħid li le. Ukoll, hija flokha l-osservazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-attur meta jikkonfronta lill-konvenut fuq il-fatt li skond hu huwa ma setax jiftaħ

*ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni."*

[33] Dwar dawn l-elementi, u kif ukoll minħabba r-raikolla ġurisprudenzjali u akkademika fuq din it-tematika issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Camilleri et vs Raymond Camilleri,** (Rik Maħluf Nru: 728/08 JRM) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2020 (mhux appellata)

[34] Dan ġie kkonfermat kemm il-darba mill-konvenut rikonvenzjonanti fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami tal-11 ta' Novembru 2021. Referenza speċifika qiegħda ssir għal dak li ngħad a fol 94 tal-proċess.

il-bieba min-naħa tiegħu għal-fuq il-vettura tal-attur mentri dan, bl-istess mod, skond hu, seta' joħroġ mill-vettura tiegħu u jagħti daqqiet ta' sieq. Huwa aktar plawsibbli li bir-rabja li kellu ġo fiħ il-konvenut dan beda jsabbat il-bieba tal-vettura tiegħu fuq tal-attur.

Illi mir-rakkolta ta' provi kollha, dan it-Tribunal huwa konvint ukoll li dak seħħ lejn l-aħħar ta' din il-ġrajja u ċioé meta wkoll il-konvenut *rreverserja* ġewwa l-vettura tal-attur rikonvenzjonat ma sarx b'xi żball konsimili ma inċident awtomobotlistiku stradali[35] iżda kienet manuvra kalkolata u li saret ukoll b'ammont ta' *dolo.* It-Tribunal jgħid li huwa konfortat ukoll b'dak li stqarr il-konvenut rikonvenzjonanti lill-Pulizija Eżekuttiva[36]. Ma jkunx inutli li jiġi ribadit kemm huwa t'importanza dak li jintqal *a tempo vergine*[37].

Illi min-naħa l-oħra t-Tribunal ma jqisx lill-verżjoni tal-konvenut rikonvenzjonanti fir-rigward tal-aġir tal-attur għandha mis-sewwa. Ftit kif jista jinftiehem ukoll li jippretendi ħlas ta' danni fuq il-wara tal-karozza tiegħu meta

---

[35] Hawn possibbilment kieku kienu jidħlu wkoll kunsiderazzjonijiet rigwardanti l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

[36] Fl-istqarrija a fol 30 hemm miktub li l-konvenut stqarr hekk: *"Jien hekk kif rajtu jagħmel hekk jien qbadt u ftaħt il-bieba tal-vettura tiegħi u tajt daqqa fuq il-vettura tiegħu. Jien tħalt lura fil-vettura tiegħi fehn hemm* ***soqt għall-ftit u rriversjajt għall-fuqu****".* Dan jistona ferm mar-raġuni li ta' l-konvenut rikonvenzjonanti waqt li kien qiegħed jiddeponi f'dawn il-proċeduri u li huwa mar b'lura bi żball u bil-fixkla. Anzi, dan aktar jikkonferma l-*mens rea* tiegħu għaliex jidher aktar li saq il-quddiem u mbagħad, b'intenzjoni ċara, reġa mar lura apposta fuq l-attur.

[37] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Janette Borg et vs Frangisku Pisani et** , (App Ċiv Nru: 397/09/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2021 fejn ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti taqbel mal-atturi appellanti meta jinghad minnhom li f'materja ta' incidenti huma mill-aktar relevanti l-istqarrijiet moghtija mill-partijiet a tempo vergine. Ir-raguni l-ghala l-Qrati taghna dejjem taw piz ghad-dikjarazzjonijiet li jsiru a tempo vergine huwa proprju sabiex f'kaz ta' verzjonijiet kunfliggenti, il-Qrati jisiltu mill-verzjoni talpartijet, dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre, l-importanza tal-istqarrija moghtija ezatt wara l-incident qieghda fil-fatt li tinghata spontanjament u minghajr ma l-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma` terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni."*

dan għamlu hu stess! Ukoll, għalkemm dan it-Tribunal ħa nota tax-xhieda tat-tifla tiegħu, irid jiġi rimarkat li din kienet ta' etá żgħira meta seħħet din il-ġrajja u dan it-Tribunal għażel li jħares lejn din ix-xhieda m'ammont ta' ċirkospizzjoni[38]. Fil-verità ħarġu wkoll inkonsistenzi waqt il-kontro-eżami tagħha.

Illi finalment, sa fejn il-konvenut rikonvenzjonat jilqa' għat-talba prinċipali b'eċċezzjoni rigwardanti l-fatt lid-danni huma eżaġerati ma ġiet sostanzjata bl-ebda mod u għalhekk ukoll qiegħda tiġi mwarrba. Huwa ġust jingħad li kien jinkombi fuq l-istess sabiex jipprova din l-eċċezzjoni. Minn naħa l-oħra, dan it-Tribunal għandu dubji serji fuq l-ammont (ukoll jekk kif intqal li l-attur rikonvenzjonat m'għandux iwieġeb għat-talba rikonvenzjali) mitlub mill-konvenut rikonvenzjonanti. It-taħwid dwar jekk dan l-ammont huwiex riżultat ta' xogħol riparatorju li sar jew le m'huwiex t'għajnuna għalih.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba bili filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonanti u jilqá t-talba prinċipali tal-attur rikonvenzjonat, jilqá l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat għal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti liema talba rikonvenzjonali qiegħda tiġi miċħuda u għalhekk jikkundanna lill-konvenut rikonvenzjonanti jħallas lill-attur rikonvenzjonat is-somma ta' elf, seba' mija, tnejn u tletin Ewro u ħamsa u sittin

[38] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

ċenteżmu (€1,732.65c) bl-imgħax legali mid-29 ta' Jannar 2020[39] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda mhux dawk tal-ittra uffiċjali msemmija fl-Avviż tat-Talba, jitħallsu mill-konvenut rikonvenzjonanti.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[39] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba peress li l-ittra uffiċjali ma ġietx eżebita formalment.